-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

[Nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:15pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera
Alexander Calleja Zammit- Kunsillier preżenti online.

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mario Azzopardi- Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 64.1 | Korezzjonijiet u xogħol li jrid isir. |
| 64.1.1 | Il-viċi sindku Ralph Mangion qajjem il-punt fuq il-kundizzjoni tal-ġnien għaliex jinsab f'telqa kbira. Is-sindku Conrad Borg Manche issuġġerixxa li jinħareġ tender għall- manutensjoni ta' dan il-ġnien. Il-kuntrattur li hemm bħalissa għandha tinħariġlu 'schedule' fuq x'hemm bżonn isir kull ġimgħa sakemm jinħareġ it-tender. |
| 64.1.2 | Il-kunsillier Ian Buhagiar reġa' talab li fejn l-istage jitwaħħal it-tape u jiddawwar bl-injam biex nevitaw li jinħoloq inċident. |
| 64.1.3 | Trid issir il-junction box ta Ta'Sliema Road ta quddiem il-King's rest peress li ilha li tneħħiet u qatt ma reġgħet saret. |
| 64.1.4 | Ġew imqassma in-numri tal-community police. |
| 64.1.5 | Il-kunsilliera Jessica Borg semmiet l-attivita tal-Milied li ser issir is-Sibt 23 ta'Diċembru mis- 7p.m sa 10p.m. Il-poster diġa ħareġ. Ġie spjegat l-attivitajiet u l-istands li se jkun hemm fi triq tal-knisja. Fadal il-bookings tat-toilets. |
| 64.1.6 | Il-kunsillier Hugh Caruana semma l-bżonn li Manwel Street u anke Triq Carlo Manche ikun hemm xi ħadd li jara li qed jipparkjaw sew. |
| 64.1.7 | Il-kunsillier Hugh Caruana saqsa fuq il-laqgħa tas-sindku mal-global footwear. Is-sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa online magħhom. |
| 64.1.8 | Il-Kunsilliera Jessica Borg qajmet punt fuq it-triq tal-knisja li ġejja mingħajr parking. Is-sindku issuġġerixxa li jitwaħħlu bollards. Il-kunsillier Neville Chetcuti u l-kunsillier Ian Buhagiar issuġġerew li jsiru planters jew cones fissi biex il-karozzi ma jkunux jistgħu jgħaddu. |
| 64.1.9 | Il-kunsillier Ian Buhagiar issuġġerixxa li jsiru aktar parkings fi triq ta'l-iskola u fejn Sparkle Image. |
| 64.2 | Il-minuti ġew issekondati mill-kunsilliera Jessica Borg u Ian Buhagiar. |
| 64.3 | Korrespondenza lis-sindku |
| 64.3.01 | Is-sindku Conrad Borg Manche stqar li rċieva claim fuq inċident li seħħ fix-xatt fejn persuna kisret saqajha t-tnejn hekk kif niżlet il-bankina u sabet ħofra. Dan l-inċident seħħ f'Awissu. |
| 64.3.02 | Mistoqsijiet mill-kunsilliera ma kien hemm xejn. |
| 64.3.03 | Rapporti ma kien hemm xejn. |
| 64.3.04 | Il-viċi sindku Ralph Mangion xtaq li ssir sleeping police fi triq Luqa Briffa minħabba l-mużew. Kulħadd qabel li dan isir. |
| 64.3.05 | Il-viċi sindku Ralph Mangion semma l-attivita tal-muturi. Is-sindku qal li kif jibgħatu l-kont, il-kunsill iħallsu. |

| | |
|---|---|
| 64.3.06 | Il-kunsillier Hugh Caruana semma li f'side street kien hemm min baqa' jaħdem sal-11:30p.m. |
| 64.3.07 | Il-kunsillier Neville Chetcuti qal li ntlaqtu t-traffic lights ġewwa Rue D'Argens. Irid isir rapport biex dawn jissewwew. |
| 64.3.08 | Is-sindku Conrad Borg Manche semma li fuq il-ġnien ħa parir mingħand Claire, li qaltlu biex għalissa ma tittieħedx azzjoni perezz li hemm kawżi pendenti oħra bħalissa. |
| 64.3.09 | Il-viċi sindku Ralph Mangion qal li Gżira United se jorganizzaw ikla oħra. Hemm bżonn tinġabar xi informazzjoni. |
| 64.3.10 | Is-sindku Conrad Borg Manche stqarr li beda x-xogħol fil-librerija. |
| 64.3.11 | Il-kunsillier Hugh Caruana staqsa fuq l-insurance. Il-viċi segretarja spjegat. |
| 64.4 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 64.4.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-kunsillier Ian Buhagiar issekondaħ |
| 64.5 | **Mozzjoni** |
| 64.5.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| 64.6 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 64.6.1 | Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas- 6.30p.m. Is-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 22 ta'Jannar 2024 |

Konfermati llum 18 ta' Diċembru 2023

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Mandy Farrugia
Dep. Segretarju Eżekuttiv

Hugh (S)

Ian (P.)

* Is-Sur Ralph Mangion oggezzjona li triq Manuel De Vilhena issir pedestrian.